SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Ġunju 2010 *

Fil-Kawża C-105/08,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2008,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn R. Lyal u M. Afonso, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Portugiża, irrappreżentata minn L. Inez Fernandes u J. Menezes Leitão kif ukoll minn C. Guerra Santos, bħala aġenti,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

sostnuta minn:

Ir-Repubblika tal-Litwanja, irrappreżentata minn D. Kriaučiūnas u V. Kazlauskaitė-Švenčionienė, bħala aġenti,

intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, A. Borg Barthet, M. Ilešič, J.-J. Kasel (Relatur) u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Frar 2010,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li, meta tintaxxa l-pagamenti ta' interessi minn barra l-pajjiż b'mod iżjed oneruż meta mqabbla ma' pagamenti ta' interessi lil istituzzjonijiet finanzjarji residenti fit-territorju Portugiż, ir-Repubblika Portugiża tillimita l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' self ipotekarju u ta' self ieħor mill-istituzzjonijiet finanzjarji residenti fi Stati Membri oħra kif ukoll Istati assoċjati maż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU 1994, L 1, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE"), u, għaldaqstant, naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikoli 49 KE, 56 KE kif ukoll l-Artikoli 36 u 40 tal-Ftehim ŻEE.

Il-kuntest ġuridiku

2 Skont l-Artikolu 4(2) tal-Kodiċi dwar it-tassazzjoni fuq id-dħul ta' persuni ġuridiċi (código do Imposto sobre o Rendimento das Pessoas colectivas), approvat bid-Digriet Liġi Nru 442-B/88, tat-30 ta' Novembru 1988, fil-verżjoni tiegħu li jirriżulta mid-Digriet Liġi Nru 211/2005, tas-7 ta' Diċembru 2005 (*Diàrio da República* I, A, Nru 234 tas-7 ta' Diċembru 2005, iktar 'il quddiem, iċ-"CIRC"), il-persuni ġuridiċi u l-entitajiet l-oħrajn li la għandhom is-sede tagħhom u lanqas it-tmexxija tagħhom fit-territorju Portugiż huma biss suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi (iktar 'il quddiem, l-"IRC") fir-rigward tad-dħul miksub f'dan it-territorju. Fost id-dħul

ikkonċernat hemm imniżżla, skont l-Artikolu 4(3)(c) taċ-CIRC, l-interessi mħallsa mid-debituri li jirrisjedu, għandhom is-sede jew it-tmexxija tagħhom fit-territorju Portugiż, kif ukoll il-pagamenti li għandhom jiġu attribwiti lill-organizzazzjonijiet nazzjonali permanenti.

3 Fin-nuqqas ta' Konvenzjoni intiża sabiex tipprevjeni t-tassazzjoni dopja (iktar 'il quddiem il-"KTD"), tali dħul huwa, skont l-Artikolu 80(2)(c) taċ-CIRC, bħala prinċipju intaxxat b'rata ta' 20 %.

4 L-IRC inkwistjoni hija, skont l-Artikolu 88(1)(c), (3)(b) u (5) taċ-CIRC, applikata bħala tnaqqis definittiv f'ras il-għajn.

5 Il-KTD konklużi bejn ir-Repubblika Portugiża u l-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Istati assoċjati mal-Ftehim ŻEE jipprovdu, skont l-Artikolu 11 tal-Mudell tal-Konvenzjoni fiskali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku (OKŻE), li r-rata applikata għal dan id-dħul mill-Istat li fih jinsab is-sors ta' dawn tal-aħħar hija bejn 10 % u 15 %. Skont l-Artikolu 90-A(1) taċ-CIRC, f'każijiet tali, l-obbligu ta' taxxa mnaqqsa f'ras il-għajn huwa limitat għall-parti li tikkorrispondi għall-IRC. Rigward iż-żewġ Stati li magħhom ir-Repubblika Portugiża ma kkonkluditx KTD, jiġifieri r-Repubblika taċ-Ċipru u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, din ir-rata tammonta għal 20 %.

6 Huwa paċifiku bejn il-partijiet fil-kawża li t-tassazzjoni tad-dħul ta' interessi miksuba mill-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti għandha bħala bażi l-ammont gross tad-dħul, filwaqt li d-dħul ta' interessi miġbura mill-istituzzjonijiet finanzjarji residenti huwa inkluż fil-qligħ taxxabbli ta' dawn tal-aħħar. Fil-kalkolu ta' dan il-qligħ, l-infiq huwa mnaqqas. L-imsemmi qligħ huwa intaxxat, skont l-Artikolu 80(1) taċ-CIRC,

b'rata ġenerali ta' 25 %. Skont ir-Repubblika Portugiża, jista' jiġi kkunsidrat li, fittieni eżempju, it-taxxa tiġi kkalkulata fuq l-ammont nett tal-interessi, li jista', b'mod partikolari, jikkorrispondi għad-differenza bejn l-interessi miġbura u l-interessi mħallsa lil terzi għall-kisba tal-kapital neċessarju għat-twettiq tal-operazzjoni ta' self.

Il-proċedura prekontenzjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

7 Fil-21 ta' Marzu 2005, il-Kummissjoni indirizzat ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Portugiża li fiha hija ġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet Portugiżi fuq il-fatt li, billi jintaxxa s-self ipotekarju miġbur mill-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti b'mod iżjed oneruż minn dawn miġbura mill-istituzzjonijiet finanzjarji residenti, dan l-Istat Membru jillimita l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' self ipotekarju u ta' self ieħor mill-istituzzjonijiet finanzjarji residenti barranin, u, għaldaqstant, naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikoli 49 KE, 56 KE kif ukoll skont l-Artikoli 36 u 40 tal-Ftehim ŻEE.

8 Peress li r-risposta tar-Repubblika Portugiża ma kkonvinċitx lill-Kummissjoni, din tal-aħħar, fid-19 ta' Diċembru 2005, indirizzat opinjoni motivata lil dan l-Istat Membru, u stednitu jadotta l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu ma' din l-ittra f'terminu ta' xahrejn minn meta jirċievi l-ittra.

9 Fl-24 ta' Frar 2006, ir-Repubblika Portugiża rrispondiet li hija baqgħet tal-istess opinjoni li skontha ċ-CIRC huwa konformi mad-dritt Komunitarju u huwa, f'kull każ, iġġustifikat minn raġunijiet ta' koerenza u ta' loġika interna tas-sistema fiskali nazzjonali. Barra minn hekk, is-soluzzjoni rrakkomandata mill-Kummissjoni timplika

l-iżvelar mill-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti tal-elementi neċessarji għad-determinazzjoni tad-dħul nett tagħhom. Issa, il-kontroll ta' dawn l-elementi joħloq diffikultajiet ovvji għall-amministrazzjoni fiskali Portugiża.

10 Il-Kummissjoni, mhux sodisfatta bir-risposta tar-Repubblika Portugiża, iddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

11 B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Awwissu 2008, ir-Repubblika tal-Litwanja tħalliet tintervjeni insostenn tat-talbiet tar-Repubblika Portugiża.

Fuq ir-rikors

L-argumenti tal-partijiet

12 Il-Kummissjoni ssostni li, anki jekk ir-rata ta' tassazzjoni applikabbli fuq id-dħul mill-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti hija inqas minn dik applikabbli fuq id-dħul simili tal-istituzzjonijiet finanzjarji residenti, l-oneru fiskali mġarrab, fil-Portugall, mill-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti huwa, skont il-fatti, nettament ogħla, peress li, kuntrarjament għall-entitajiet residenti, huma ma jistgħux inaqqsu mill-ammont tad-dħul intaxxat l-ispejjeż professjonali direttament marbuta mal-attività eżerċitata. Issa, tali trattament differenti jikkostitwixxi, kif jirriżulta mis-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2007, Hollmann (C-443/06, Ġabra p. I-8491, punti 35 sa 38), diskriminazzjoni għad-detriment tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti.

13 Billi tipprevedi tnaqqis f'ras il-għajn b'rata ta' bejn 10 % u 20 % applikabbli fuq l-ammont gross tal-interessi miksuba fil-Portugall, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tiddiswadi kull istituzzjoni barranija li ssellef milli toffri s-servizzi tagħha fil-Portugall, sakemm il-marġni ta' qligħ tagħha, fl-operazzjonijiet ikkonċernati, ma jkunx ogħla b'mod sinjifikattiv mir-rata tat-taxxa mnaqqsa f'ras il-għajn. Issa, minħabba n-natura estremament kompetittiva tas-swieq finanzjarji internazzjonali, il-kuntest maħluq mill-eżistenza ta' munita komuni fiż-żona tal-Ewro u l-livelli simili tar-rati ta' interess fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, huwa ftit probabbli li istituzzjoni finanzjarja barranija jirnexxilha tikseb marġni ta' qligħ ogħla minn 10 %. Barra minn dan, sabiex tiġi stabbilita ugwalità mal-istituzzjonijiet finanzjarji residenti, li jsostnu piż fiskali ta' 25 % fuq id-dħul nett tagħhom, jeħtieġ li l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti jirnexxilhom jagħmlu qligħ erba' drabi iktar minn dak miksub mill-istituzzjonijiet finanzjarji residenti fl-attivitajiet rispettivi eżerċitati fil-Portugall.

14 Skont il-Kummissjoni, ma jistax, f'dan il-każ, ikun validament sostnut li l-istituzzjonijiet finanzjarji residenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti ma jinsabux f'sitwazzjoni oġġettivament komparabbli. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod iktar partikolari mis-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2003, Gerritse (C-234/01, Ġabra p. I-5933, punt 27), u tal-15 ta' Frar 2007, Centro Equestre da Lezíria Grande (C-345/04, Rec. p. I-1425, punt 24) jirriżulta, li, fir-rigward tal-ispejjeż professjonali direttament marbuta mal-attività eżerċitata fi Stat Membru minn persuni mhux residenti u li ġġeneraw dħul taxxabbli f'dan l-Istat, ir-residenti u l-persuni mhux residenti huma mqiegħda f'sitwazzjoni komparabbli, b'tali mod li dawn l-ispejjeż għandhom, bħala prinċipju, jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-imsemmi Stat inkwantu r-residenti jiġu intaxxati fih fuq id-dħul nett tagħhom, jiġifieri wara tnaqqis ta' tali spejjeż. Skont is-sentenza Hollmann, iċċitata iktar 'il fuq (punti 50 u 51), il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jeżiġi wkoll li meta l-istess taxxa hija applikata fuq ir-residenti u fuq il-persuni mhux residenti, id-dħul ta' dawn tal-aħħar ma jkunx intaxxat b'rata ogħla minn dak applikat fuq id-dħul tar-residenti u li bażi ta' stima taxxabbli ma tkunx usa' minn dik prevista għal dawn tal-aħħar. L-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti għandhom għalhekk, tal-inqas, ikunu awtorizzati sabiex inaqqsu l-ammont tal-interessi li huma kellhom iħallsu lil terzi sabiex jiksbu l-kapital użat matul l-operazzjonijiet ta' self imwettaq fil-Portugall.

15 Il-Kummissjoni ssostni wkoll li, kuntrarjament għal dak li ssostni r-Repubblika Portugiża, ma huwiex l-Istat ta' residenza li għandu jiffissa, b'miżuri konvenzjonali jew unilaterali ntiżi li jevitaw it-tassazzjoni dopja, l-oneru fiskali li hija finalment imqiegħda fuq l-investitur. Għall-kuntrarju, huwa l-Istat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu tikkontjeni diskriminazzjoni li għandu jelimina din tal-aħħar. F'dan il-każ, l-argument tar-Repubblika Portugiża huwa, għall-kumplament, irrilevanti billi l-livell tat-tnaqqis f'ras il-għajn ipprattikat minn dan l-Istat Membru tant huwa għoli li jista' jassorbi l-qligħ kollu magħmul mill-għoti ta' self imwettaq fil-kundizzjonijiet normali tas-suq.

16 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument li t-trattament differenti inkwistjoni f'dan il-każ huwa ġġustifikat minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, jiġifieri, min-naħa, il-ħarsien tat-tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni fost l-Istati Membri u, min-naħa l-oħra, il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa, il-Kummissjoni ssostni, b'mod partikolari, li jeżistu miżuri oħra, b'mod partikolari dawk previsti bid-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1977, dwar għajnuna reċiproka minn awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 63), li jippermettu lill-Istati Membri sabiex jilħqu l-għanijiet imfittxija bir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali filwaqt li josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità.

17 Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni tippreċiża li l-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jinsab mhux fl-eżistenza reali ta' sitwazzjonijiet bħal dawk mogħtija bħala eżempju fil-kuntest ta' din il-proċedura, iżda fiż-żamma fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li l-implementazzjoni tagħhom twassal għal trattament fiskali differenti ovvju bejn l-istituzzjonijiet fiskali residenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti, għad-detriment ta' dawn tal-aħħar.

18 Il-Kummissjoni tammetti li ma huwiex possibbli li jiġi stabbilit liema kapital miksub minn terzi ġie konkretament użat minn entità biex tiffinanzja operazzjonijiet individwali ta' self imwettqa fi Stat partikolari. Hija tiddikjara madankollu li huwa

possibbli li jiġu kkalkulati l-ammonti ta' dħul nett miksub minn din l-entità għall-finijiet tat-tassazzjoni fl-Istat fejn jinsab is-sors tad-dħul. Ikun biżżejjed, f'dan il-każ, li r-Repubblika Portugiża tippermetti lill-persuna taxxabbli li tnaqqas mill-ammont tad-dħul gross miksub fit-territorju ta' dan l-Istat Membru ammont li jikkorrispondi għall-medja tal-ispejjeż li huma ġeneralment mġarrba mill-istess persuna taxxabbli sabiex tikseb dħul simili fl-Istat ta' residenza tagħha. Sabiex jiġi evitat li l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti ma jnaqqsux spejjeż medji li jistgħu jitqiesu bħala eċċessivi mill-Istat fejn hemm is-sors tad-dħul, dan l-aħħar Stat jista' jillimita l-possibbiltà ta' tnaqqis tal-ispejjeż għal ammont massimu fiss, pereżempju, skont l-ammont medju tal-ispejjeż sostnuti mill-banek residenti għall-operazzjonijiet simili. F'kull każ, id-diffikultà li jiġu intaxxati spejjeż stabbiliti għal ċertu dħul speċifiku ma hijiex raġuni valida sabiex tiġi ġġustifikata t-tassazzjoni tad-dħul gross ta' persuni mhux residenti fl-Istat fejn jinsab is-sors ta' dan id-dħul jew l-applikazzjoni, għall-imsemmi dħul, ta' oneru fiskali effettiv ogħla minn dak li japplika fuq dħul simili miġbur minn persuni taxxabbli residenti.

19 Ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-allegata diskriminazzjoni mill-Kummissjoni tistrieħ fuq sempliċi preżunzjoni. Peress li l-Kummissjoni ma wrietx l-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, ir-rikors tagħha għandu jiġi miċħud.

20 Dan l-Istat Membru jispjega li, anki jekk jiġi preżunt li jeżistu każijiet li fihom, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-operazzjoni finanzjarja, jista' jiġi kkonstatat piż fiskali differenti bejn it-tassazzjoni tal-interessi miksuba mill-istituzzjonijiet finanzjarji residenti u t-tassazzjoni tal-interessi miġbura mill-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti, dan it-trattament differenti ma huwiex diskriminatorju u ma jirriżulta f'ebda restrizzjoni tal-libertajiet imsemmija fl-Artikoli 49 KE u 56 KE kif ukoll fl-Artikoli 36 u 40 tal-Ftehim ŻEE.

21 Fil-fatt, is-sitwazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji residenti u s-sitwazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti ma hijiex oġġettivament komparabbli, b'tali mod li l-eżistenza ta' trattament differenti għall-bażi ta' stima taxxabbli fuq l-interessi miġbura fuq it-territorju Portugiż hija ġġustifikata. Din id-differenza tirriżulta min-natura partikolari tal-operazzjonijiet finanzjarji u mill-provvisti ta' servizzi relatati mal-għoti ta' self, li hija marbuta mal-fatt li ma huwiex ġeneralment possibbli li tiġi stabbilita rabta sostanzjali bejn l-ispejjeż sostnuti u d-dħul miksub, u lanqas li jiġu assoċjati, operazzjoni operazzjoni, il-qligħ magħmul u l-fondi użati għall-finanzjament. B'hekk, il-bażi ta' kalkolu tat-tassazzjoni tal-interessi miġbura mill-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti għandha tistrieħ fuq id-dħul gross, filwaqt li t-tassazzjoni tad-dħul tal-istituzzjonijiet finanzjarji residenti hija mwettqa fuq il-bażi tad-dħul nett. Sa fejn, fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji residenti, it-totalità tad-dħul tagħhom tittieħed inkunsiderazzjoni, huwa x'inhuwa l-post fejn inkiseb dan id-dħul, għandu jkun possibbli wkoll li tittieħed inkunsiderazzjoni tat-totalità tal-ispejjeż sostnuti.

22 Ir-Repubblika Portugiża ssostni li, f'kull każ, il-leġiżlazzjoni kkontestata għandha tiġi kkunsidrata bħala ġġustifikata minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Hija tinvoka f'dan ir-rigward il-ħarsien tat-tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni, konformi mal-prinċipju ta' territorjalità fiskali, u l-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa.

23 Fil-kontroreplika, dan l-Istat Membru jżid, b'mod partikolari, li peress li l-Kummissjoni tammetti li ma huwiex possibbli li jiġi stabbilit liema kapital ġie konkretament użat minn entità biex tiffinanzja operazzjonijiet ta' self imwettqa fi Stat partikolari, il-"ħolqien ġuridiku" li fuqu jistrieħu l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni jmur oltre dak li jippermetti d-dritt Komunitarju. Il-leġiżlazzjoni kkontestata ma għandhiex għalhekk tiġi kkunsidrata bħala inkompatibbli mat-Trattat KE jew mal-Ftehim ŻEE.

24 Is-sistema suġġerita mill-Kummissjoni twassal għall-applikazzjoni ta' tnaqqis astratt u artifiċjali fuq id-dħul tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti, li jimplika li r-riżultat tal-operazzjoni ma tikkorrispondi b'ebda mod mar-realtà konkreta tad-dħul nett tal-operaturi mhux residenti. Barra minn hekk, f'tali sistema, ma teżisti, kuntrarjament għal dak rikjest mill-ġurisprudenza invokata f'dan ir-rigward mill-Kummissjoni, ebda rabta bejn l-ispejjeż meħuda inkunsiderazzjoni u l-attività li ġġenerat id-dħul taxxabbli. Minn dan jirriżulta li, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni f'dan il-każ, l-entitajiet residenti u l-entitajiet mhux residenti ma humiex f'sitwazzjoni oġġettivament komparabbli.

25 Ir-Repubblika tal-Litwanja, li tintervjeni insostenn tar-Repubblika Portugiża, tikkunsidra li, sabiex ikun jista' jiġi stabbilit jekk hemmx trattament differenti għad-detriment tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti, jeħtieġ jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss it-tassazzjoni miġbura fl-Istat fejn jinsab is-sors tad-dħul iżda wkoll it-tassazzjoni applikata fl-Istat ta' residenza tal-entitajiet inkwistjoni. Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni tillimita ruħha sabiex teżamina t-trattament li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Portugiża u ma tiħux inkunsiderazzjoni l-effetti li tipproduċi l-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza tal-imsemmija entitajiet fuq il-kapaċità u l-volontà ta' dawn tal-aħħar li joffru s-servizzi tagħhom fit-territorju Portugiż. Għandu għalhekk jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma stabbilixietx l-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

26 Qabelxejn, jeħtieġ jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 226 KE, għandha tkun il-Kummissjoni li tistabbilixxi l-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Għandha tkun hija li tissottometti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-punti ta' fatt neċessarji għal stħarriġ minn din tal-aħħar tal-eżistenza ta' dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, mingħajr ma tista' tibbaża ruħha fuq kwalunkwe preżunzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1989, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, 290/87, Ġabra p. 3083, punti 11 u 12, kif ukoll tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, C-241/08, Ġabra p. I-1697, punt 22).

27 F'dan il-każ, sabiex jintwera li mil-leġiżlazzjoni Portugiża jirriżulta bħala fatt inkontestabbli li l-entitajiet residenti u l-entitajiet mhux residenti jingħataw trattament differenti fir-rigward tal-IRC, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq kalkolu bħala eżempju li jistrieħ fuq il-premessa li l-marġni ta' qligħ imwettaq mill-entità kkonċernata f'dan l-eżempju huwa ta' 10 %.

28 Issa, kif jirriżulta mit-tabella stabbilita mill-Avukat Ġenerali fil-punt 31 tal-konklużjonijiet tiegħu u għar-raġunijiet żviluppati iktar fid-dettall fil-punti 37 sa 39 ta' dawn l-istess konklużjonijiet, dan il-marġni ta' qligħ għandu rwol determinanti meta jiġi eżaminat jekk leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ twassalx għal tassazzjoni ogħla tal-entitajiet mhux residenti, billi r-rata ta' tassazzjoni ma hijiex fil-fatt l-uniku element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward.

29 Peress li, minn naħa, dan il-kalkolu, ikkwalifikat mill-Kummissjoni nfisha bħala "teoriku", jiġi kkontestat mill-Gvern Portugiż għar-raġuni li l-premessa li fuqha jistrieħ hija maqtugħa għal kollox mir-realtà u, min-naħa l-oħra, peress li l-imsemmi gvern jippreżenta kalkolu bbażat fuq marġni ta' qligħ li jwassal għal soluzzjoni fejn l-entitajiet residenti għandhom piż ogħla ta' tassazzjoni, kellha tkun il-Kummissjoni, kif indikat mill-Avukat Ġenerali fil-punt 40 tal-konklużjonijiet tiegħu, li tistabbilixxi li l-kalkoli tagħha huma konformi mar-realtà ekonomika. Għalhekk, il-Kummissjoni setgħet ippreżentat, b'mod partikolari, data statistika jew data dwar il-livell tal-interessi għal self bankarju u tal-kundizzjonijiet ta' rifinanzjament biex issostni l-plawżibbiltà tal-kalkoli tagħha.

30 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma pproduċiet, la fil-proċedura bil-miktub, matul is-seduta u lanqas wara talba espliċita mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-inqas element deċiżiv li jista' jistabbilixxi li l-kalkoli ppreżentati minnha insostenn tal-argument tagħha jistgħu jiġu vverifikati effettivament fir-realtà u li l-eżempju ta' kalkolu msemmi minnha ma jikkostitwixxix biss sempliċi ipoteżi teoretika

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma stabbilixietx l-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tar-Repubblika Portugiża.

32 Għaldaqstant, ir-rikors tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

33 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mir-Repubblika Portugiża. Ir-Repubblika tal-Litwanja, li interveniet insostenn tat-talbiet imressqa mir-Repubblika Portugiża, għandha tiġi kkundannata, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(4) tal-istess regolament, għall-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

3) Ir-Repubblika tal-Litwanja hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha.

Firem